# X'NISTA' NSIR LA NIKBER?



# Il-Pumpier

### IL-PUMPIERA HUMA HADDIEMA TAS-SERVIZZ PUBBLIKU LI META AHNA NKUNU QED NAHARBU MIN-NAR, HUMA JIDHLU BIEX JITFUH!

Għalkemm l-iktar li jagħmlu huwa li jitfu n-nar, xogħol il-pumpiera huwa varjat ħafna u mhux biss relatat man-nar. F'xi maltempata, pereżempju, il-pumpiera joħorġu biex ineħħu l-perikli u anke jsalvaw in-nies mill-għargħar. Hemm ukoll pumpiera li huma għaddasa, jiġifieri kapaċi jinżlu f'qiegħ il-baħar; hemm dawk li jispeċjalizzaw f'salvataġġi li jinvolvu l-klieb; u hemm pumpiera li jifhmu ħafna fil-materjal perikoluż.

Għalhekk l-isem proprju ta' pumpier huwa "assistance and rescue officer".

Sabiex tilħaq pumpier trid tieħu ħafna taħriġ, bħal kif tilbes u tuża ħwejjeġ apposta, fosthom l-elmu, il-buz, il-libsa li tipproteġik min-nar u anke l-apparat li bih tieħu n-nifs. Ma ninsewx li xogħol il-pumpier f'każ ta' nar ġeneralment ikun fid-dlam, f'ħafna duħħan u fi sħana kbira.

Il-pumpiera jingħataw ukoll taħriġ tekniku dwar kif jibda n-nar u kif jinfirex, u wkoll dwar liema fire extinguishers għandhom jintużaw f'sitwazzjonijiet differenti. Hemm tipi ta' nar li ma tistax titfgħalhom l-ilma, ngħidu aħna, għax jiswa agħar. Partijiet oħra tat-taħriġ jinvolvu kif jitħaddmu l-vetturi u kif jaħdem il-makkinarju.

Meta grupp ta' pumpiera jkunu qegħdin jissieltu ma' xi nar mhux kulħadd ikun qed jagħmel l-istess xogħol. Dan intom tafuh, għax min jaf kemm-il darba rajtu lil Fireman Sam f'xi sitwazzjoni antipatika wara xi "bravura" ta' Norman Price!

Pumpier irid ikun dixxiplinat li mhux biss jieħu l-ordnijiet u jwettaqhom imma wkoll li jkun dejjem lest għal dak li jista' jinqala' u jżomm il-vetturi u l-għodda fl-aqwa kundizzjoni. M'għandniex xi ngħidu, trid tkun ukoll kuraġġuż u paċenzjuż. Dawn il-kwalitajiet joħorġu kollha fid-dieher f'każijiet ta' stress u paniku, meta l-pumpier, qabel ma jkun jista' jaħdem, ikun irid jitkellem ma' min joqgħod fil-post biex jifhem aħjar jekk ikunx hemm nies maqbuda fuq ġewwa, jekk hemmx materjali perikolużi u elf ħaġa oħra. Li tkun kalm jaf ifisser id-differenza bejn li ssalva ħajja jew titlifha.

Fuq kollox, sabiex tilħaq pumpier trid tkun fiżikament b'saħħtek. Wieħed mill-eżamijiet li tkun trid tagħmel huwa dak mediku, li fih fost l-oħrajn trid tiġri distanza f'ħin stabbilit kif ukoll tagħmel eżerċizzji fiżiċi.



Imbagħad hemm pumpiera li jkunu ilhom jaħdmu għal ħafna u ħafna snin u li jibdew imexxu huma s-salvataġġi u l-kordinament. Intom tafu li meta niltaqgħu ma' xi problema kbira ta' nar għandna nċemplu 112. Meta ċċempel dak in-numru pumpier li jkun stazzjonat fiċ-ċentru tal-għajnuna jeħodlok l-indirizz u jikkordina liema vetturi jkunu qegħdin l-aktar viċin biex joffru l-ewwel għajnuna. Illum dan ix-xogħol qed isir ukoll bl-għajnuna tal-kompjuter.

F'dawn l-aħħar snin id-Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili sarulu ħafna investimenti, fosthom fin-nies u fil-makkinarju. Tajjeb li ngħidu wkoll li l-karriera ta' pumpier mhix biss għas-subien! Illum insibu anke tfajliet li jaħdmu bħala pumpiera, b'suċċess kbir.

**L-EWWEL PASS GĦAL DIN IL-KARRIERA HUWA LI SA MINN ETÀ ŻGĦIRA NIBDEW NINTERESSAW RUĦNA FIS-SAĦĦA U S-SIGURTÀ, ANKE FID-DAR STESS.**

*Żomm kuntatt magħna!*